# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 19 ta’ Novembru 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**
**(Spettur Jean Farrugia)**
**vs**
**Terence Vella**

**Kumpilazzjoni Nru: 573/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Terence Vella detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ Maltija numru 339582(M).

Akkuzat talli fil-lejl ta’ bejn il-15 u s-16 ta’ Lulju, 2015 gewwa l-Msida kkommetta serq ta’ tlett laptops u/jew accessorji ohra minn gewwa l-ufficcini tar-Refugee Commission, Triq D’Argens, Msida, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-ammont ta’ €2329.37 u bil-hin ghad-deteriment tal-Gvern ta’ Malta u/jew entita/jiet ohra;

Il-Qorti, giet mitlbua biex titratta ma’ Terence Vella bhala recidiv ta’ sentenzi li saru definittivi u ma’ jistghux jigu mibdula u dan ai termini ta’ artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti, giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma nhar is-17 ta' Lulju 2015 minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunisdra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet il-provi u trattazzjoni tal-partijiet ai fini ta' piena.

Rat l-atti processwali inkluz il-presentencing report ta'l-ufficjal tal-probation

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni.

Illi jirrizulta mir-rapport ta' l-ufficjal tal-probation li l-imputat affaccja diversi cirkostanzi difficli li hallew impatt negattiv fuq il-mod kif kien qed jghix hajjtu; dan fil-fatt huwa rifless anke fil-fedina penali tieghu mill-liema jirrizultaw diversi kundanni ghal serq u anke reati konnessi ma' abbuz tad-droga. Jidher ukoll li f'dawn l-ahhar xhur u cioe kemm ilu mizmum taht arrest preventiv l-imputat qed jilqa l-ghajnuna biex jibda jindirizza l-problemi tieghu inkluz dawk psikologici u dawk ta' abbuz ta' droga, haga li ma kienx kapaci jaghmel b'mod effettiv wahdu u meta ma kienx taht il-kontroll ta' terzi.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi, u tenut kont ta'l-imputazzjonijiet li taghhom qed jinstab hati l-imputat, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tilqa r-rakkomandazzjoni ta'l-ufficjal tal-probation u timponi piena karcerarja effettiva b'tama li l-imputat jibqa juzufruixxi mill-ghajnuna kollha li diga qed tinghatalu b'mod li dan il-perjodu ta' inkarcerazzjoni iwassal ghar-riabilitazzjoni effettiva tieghu. Tenut kont ta'l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u tenut kont li r-res furtiva giet rkuprata l-Qorti hija tal-fehma li l-perjodu ta' inkarcerazzjoni ghandu jkun aktar vicin tal-minimu permess mill-Ligi milli tal-massimu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 48, 50, 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 ta'l-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien sentejn ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' sitt mija wiehed u ghoxrin Euro u disgha u tlettin centezmu (€621.39) rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**